MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04

It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 04.1 Talba

04.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 04.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

04.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia kien skużat peress li l-Kunsill irċieva l-ittra t'apoloġija. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 04.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

04.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tal-laqgħa bin-numru 2, wara li saret il-korrezzjoni mitluba fl-aħħar laqgħa. Dawn ġew approvati u iffirmati.

04.3.2 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 3 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

04.3.3 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

04.3.4 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

04.3.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 04.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

04.4.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar ix-xogħlijiet li twettqu mill-Kunsill f'dan l-aħħar xahar, fosthom, it-twaħħil ta' *dog litter bin* fi Triq l-Isptar San Ġiljan ; it-twaħħil ta' mera tat-traffiku fi Triq tal-Għajn faċċata ta' Triq ta' Mulejja ; ġiet organizzata l-i*SportsFest* u saret il-preżentazzjoni tat-trofej mis-Sindku s-Sur Saviour Borg, il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ; tqassim t'avviżi biex ir-residenti jkunu nfurmati dwar is-servizz li se

Kunsill Lokali Il-Fontana

joffri l-Kunsill tal-vaċċin tal-influenza ; tqassim tal-boroż tar-riċiklaġġ mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ; inxtrat *printer* żgħira għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ; u, beda x-xogħol *extra* tas-sistema tal-*airconditioning* minn Extreme Technologies fis-Sala tal-Komunita'.

04.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li wara li l-Kunsill ħareġ avviż dwar il-ġita fi Sqallija, kien hemm konkorrenza sabiħa ta' 38 persuna. Ser issir laqgħa mit-*tour leader* tal-aġenzija EuroTours nhar il-Ġimgħa 25 t'Ottubru 2019 fis-Sala tal-Komunita'.

04.4.3 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li t-tabella tal-konfini li tinsab fil-bidu ta' Triq tal-Għajn fi Pjazzetta fuq it-Tomba, għandha bżonn *sticker* ġdida minħabba li xi ħadd neħħa żewġ ittri minnha. Kien hemm qbil li tinbidel u jsir ix-xogħol minn 'Playpen'.

04.4.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri preżenti li wara li l-Kunsill irċieva korrispondenza lura minn WasteServ Malta Ltd dwar l-Organic Award fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-premju jrid jintefaq fuq affarijiet ambjentali jew ta' benefiċċju soċjali, issuġġerixxa li dawn il-fondi jingħaqdu mal-fondi tal-LESA u tinxtara l-*playhouse* biex tinbidel dik li hemm preżentament fil-*playingfield*. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

04.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill għadu ma rċeviex il-pagament jew konferma li ser isir pagament tal-premju tal-Organic Award li l-Kunsill ingħata s-sena l-oħra li jammonta għal €2,973.60. Dan minkejja diversi talbiet li saru fejn il-Kunsill ippreżenta l-fatturi u l-irċevuti neċessarji. Hu qal li l-Kunsill hemm bżonn jinforma liċ-*Chairman* tal-kumpanija WasteServ Malta Ltd, is-Sur David Borg, dwar dan u jekk ma jkunx hemm tweġiba jiġi nfurmat il-Ministru tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, l-Onorevoli Jose' Herrera. Kien hemm qbil dwar dan.

04.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li ż-żebgħa fuq il-marki stradali fil-lokalita' għadhom mhux kompluti. Ix-xogħol kien beda mill-ħaddiema tal-Ministeru għal-Għawdex wara talba lill-Ministru, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana. Il-Kunsill ipprovda tank żebgħa bajda u oħra safra lill-ħaddiema iżda dan ix-xogħol ma tkompliex.

04.4.7 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri li s-Sinjura Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru u *Chairperson* ta' Marigold Foundation, ser iżżur il-lokalita' tal-Fontana fl-okkażżjoni ta' Pink October nhar il-

Kunsill Lokali Il-Fontana

Ġimgħa 10 t'Ottubru 2019 bejn is-7.00 u d-9.00 ta' filgħaxija. Huwa fakkar li l-Kunsill ser jixgħel l-għejjun bid-dawl b'kulur *pink* fix-xahar t'Ottubru biex il-Kunsill jingħaqqad ma' din il-kampanja għal aktar għarfien dwar il-prevenzjoni ttal-kanċer tas-sider.

04.4.8 Is-Sindku ppropona sabiex issir ħarġa soċjo-kulturali għal 'BirguFest 2019 – Birgu by Candlelight' nhar is-Sibt 12 t'Ottubru 2019. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinħareġ l-avviż għal din il-ħarġa.

04.4.9 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jerġa' jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmlu l-wiċċ tat-triq bit-*tarmac* fi Trejqet Wara l-Idjar, peress li din għadha qatt ma ġiet asfaltata. Kien hemm qbil dwar dan.

04.4.10 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri preżenti li fi Triq il-Kappillan Hili hemm żewġ *handrails* tal-ħadid, li kien għamel il-Kunsill, li kienu jservu ta' għajnuna għal żewġ anzjani biex jitilgħu l-bankina u li m'għadx baqa' użu tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri biex jitneħħew u jinġabru fil-garaxx tal-Kunsill.

04.4.11 Is-Sindku informa lill-membri li spiċċaw ix-xemgħat għan-niċċa tas-Salvatur u hemm bżonn jinxtraw oħrajn. Kien hemm qbil dwar dan.

04.4.12 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar tinet li ntużaw fil-Wine Festival fi Triq tal-Għajn u li għadhom hemm wara għaxart ijiem minn dan l-avveniment. Huwa nforma lill-membri li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-organizzatur iżda xorta baqgħu hemm. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill sellef żewġ tabelli tan-*No Parking* u waħda minnhom irritornat miksura. Kien hemm qbil li terġa tinġibed l-attenzjoni biex jitneħħew it-tinet kif ukoll l-organizzatur għandu jirranġa t-tabella li rritornat miksura.

04.4.13 Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa tal-offerti tat-tqegħid tal-porfido għalqet u jrid jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera li l-bord ikun magħmul mill-istess persuni li evalwaw l-istess sejħa tal-offerti li kienet ħarġet qabel. Il-bord se jkun magħmul mis-Sur William Sultana bħala *Chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bħala segretarju tal-bord, filwaqt li l-Perit John Saliba, l-*Accountant* is-Sur Daniel Galea u l-Avukat Dr Jonathan Mintoff se jkunu l-evalwaturi tal-bord. Il-membri nnutaw dan.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.4.14 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret żjara fuq il-post minnu flimkien mal-Perit John Saliba u mas-Segretarju Eżekuttiv rigward l-ilment tal-periklu li jista' jkun hemm taħt il-*promenade* ta' Triq ta' Mulejja. Il-Perit ta suġġeriment lill-Kunsill sabiex min għamel l-ilment u min qed jgħid li qed jaqa' xi ġebel fil-propjeta' tiegħu, għandu jġib il-provi quddiem il-Kunsill li dik il-propjeta' hija tassew tiegħu. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Perit.

04.4.15 **Il-ħin kien it-3.30 ta' wara nofsinhar u għal-laqgħa ġie preżenti l-Inġinier Mario Galea minn Galea Curmi Engineering. L-Inġinier Mario Galea talab il-permess biex jintervjeni u ġiet aċċettata mis-Sindku.**

L-Inġinier informa lill-membri li wara li rċieva l-korrispondenza mill-Kunsill li ntbagħtet mill-kuntrattur Chris Gauci dwar ix-xogħol ta' nstallazzjoni tal-fanal dekorattivi fi Triq John Gaspard Le Merchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, ħass il-ħtieġa li jattendi għal din il-laqgħa biex jispjega s-sitwazzjoni. Huwa qal li qabel ma jiċċertifika x-xogħol, bħala *contracts manager* tal-proġett, talab lill-kuntrattur sabiex jippreżenta t-testijiet li kellhom isiru kif ukoll jagħmel xi aġġustamenti fuq l-arbli tal-fanali biex ikunu dritti.
Huwa qal li skont il-korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur, hu kien qed jitlob kumpens għal dan ix-xogħol minħabba li fi proġetti oħra dawn qatt ma ntalbu. L-Inġinier saħaq li dawn it-testijiet huma mistennija li jsiru dejjem skont kif titlob is-sengħa anke għar-raġuni ta' sigurta' għall-pubbliku, filwaqt li l-arbli jidhru li huma mgħawġin u ma jistax jiċċertifika x-xogħol qabel jitwettaq ix-xogħol mitlub.

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa lill-inġinier meta kien għamel l-ispezzjonijiet fuq il-post kif ukoll staqsieh għaliex dawn ma ġewx mitluba bil-miktub minn qabel.

Wara żjara fuq il-post flimkien mas-Sindku f'April li għadda, l-Inġinier ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li l-arbli tal-fanali m'humiex dritti. L-Inġinier qal li minn dik iż-żjara fuq il-post, dan ix-xogħol ġie mitlub diversi drabi verbalment lill-kuntrattur iżda minkejja li l-kuntrattur m'għamel xejn dwar dan, l-Inġinier infurmah bil-miktub.
L-Inġinier fakkar li huwa obbligu ta' kull electrician li qabel jagħti d-dawl lill-fanali bħal dawk, jagħmel it-testijiet neċessarji. Huwa saħaq li ma jistax jiċċertifika x-xogħol qabel ma jsiru dawk ix-xogħlijiet mitluba minnu u jiġu ppreżentati t-testijiet. L-Inġinier qal li għalih ix-xogħol fuq dawn il-fanali għadu mhux komplut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ippropona sabiex issir laqgħa mal-Inġinier fil-preżenza tal-kuntrattur u tal-membri tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din tista' ssir issa stess. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u sar kuntatt mal-kuntrattur biex jattendi għal din il-laqgħa kemm jista' jkun malajr dakinhar stess.

Fi ftit minuti ġie l-kuntrattur u spjega l-pożizzjoni tiegħu fejn saħaq li qatt ma ġie mitlub jagħmel dawn it-testijiet. Huwa qal li dawn intalbu f'Awwissu meta faċilment setgħu jintalbu qabel beda x-xogħol għax issa dan ix-xogħol *extra* ser jinvolvih aktar spejjeż u ħin. Huwa qal ukoll li l-arbli tal-fanali tgħawġu minħabba li l-Għaqda tal-Armar Fontana rabbtu l-festuni tad-dawl magħhom fil-festa titulari li għaddiet.

L-Inġinier wieġeb li huwa l-obbligu ta' kull *electrician* li jagħmel it-testijiet fi proġetti bħal dawn kif ukoll saħaq li skont il-fehma tiegħu dawn ma tgħawġux minħabba l-festuni u hu stess ikkonferma dan mal-għaqda tal-armar.

Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien infurmat mill-Għaqda Armar Fontana li ser jintrabtu l-festuni tad-dawl tal-festa mal-fanali l-ġodda għax zgur ma kienux jingħataw dan il-permess.

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa lill-kuntrattur jekk hux qed jitlob kumpens *extra* għal dan ix-xogħol. Il-kuntrattur wieġeb fil-pożittiv. L-Inġinier Mario Galea reġa' insista li huwa fl-obbligu tal-kuntrattur li jagħmel it-testijiet u mhux tal-parir li l-Kunsill jeħel spejjeż *extra* għal dan ix-xogħol.

Wara li l-kuntrattur ġie mistoqsi mill-Inġinier Mario Galea, il-kuntrattur qal li dan ix-xogħol mitlub ser jinvolvi madwar sija u kwart ta' xogħol biex isiru t-testijiet u madwar ġurnata oħra biex jidritta l-arbli tal-fanali. L-Inġinier Mario Galea offra li jagħti l-għajnuna tiegħu mingħajr ħlas biex isiru t-testijiet u jmorru fuq il-post biex jiddeterminaw flimkien jekk il-fanali humiex mgħawġin għax rabtu magħhom tal-għaqda tal-armar jew kullma jridu issettjar minnhom stess. Kien hemm qbil, l-Inġinier u l-kuntrattur marru fuq il-post dak il-ħin stess.

Kunsill Lokali Il-Fontana

Wara li ġew lura, l-Inġinier baqa' jsostni l-punt tiegħu li l-arbli m'humiex mgħawġin minħabba li rabtu l-festun tad-dawl magħhom. Il-kuntrattur ma qabilx mal-Inġinier dwar dan.

Wara diskussjoni mal-membri tal-Kunsill, fl-aħħar kien hemm ftehim li l-kuntrattur ser jagħmel ix-xogħol mitlub mil-Inġinier Mario Galea malajr kemm jista' jkun biex jingħalaq dan il-każ.

## 04.5 Jum il-Fontana 2019 ;

04.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li Jum il-Fontana, l-1 ta' Diċembru 2019 ser jaħbat il-Ħadd, u peress li dakinhar ser jkun hemm il-festa ta' Sant'Indrija, patrun tal-Fontana, il-Kunsill soltu jorganizza Jum il-Fontana fit- 30 ta' Novembru. Madanakollu peress li din is-sena ser ikun hemm il-pussess tal-Kappillan il-ġdid nhar it-30 ta' Novembru 2019, kien hemm qbil mill-Kunsill sabiex Jum il-Fontana jsir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019.
Huwa ssuġġerixxa sabiex l-attivitajiet isiru bħal tas-sena l-oħra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dan.

04.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li fil-laqgħa li ġejja jistgħu jinnominaw lil xi ħadd għall-Ġieħ il-Fontana 2019 u skont il-qbil tal-maġġoranza tittieħed id-deċiżjoni finali.

04.5.3 **Il-ħin kien l-4.30 ta' wara nofsinhar u għal-laqgħa ġie preżenti l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana.**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera preżenti awguraw u taw merħba uffiċċjalment lil Fr Simon Mario Cachia bħala l-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa waqt din il-laqgħa ta' kortesija.

Waqt din il-laqgħa s-Sindku elenka numru ta' xogħlijiet li saru mill-Kunsill Lokali matul iż-żmien fejn il-parroċċa qiegħda tgawdi minn dan ix-xogħol, fosthom : it-tkabbir tal-ispazzju miftuħ li jgħaqqad iz-zuntier u l-*playingfield* fejn b'dan il-proġett, li kien jikkonsisti fit-twaqqiegħ tad-dar numru 191 fi Triq il-Għajn, inkixfet il-faċċata tal-Knisja li parzjalment kienet mgħottija ; is-sistema tal-floodlights tal-Knisja Parrokkjali ; għajnuna finanzjarja għall-ispejjeż tal-Oratorju Qalb ta'

Kunsill Lokali Il-Fontana

Kristu li sar fil-Knisja Parrokkjali ; fl-aħħar erba' snin il-Kunsill itella' *feature* awdjo viżiv lejliet il-Festa titulari; Festa Tfal li ssir ġimgħa qabel il-Festa ; SportsFest li jsir f'Settembru ; monument li jfakkar lis-sajjieda li ħadmu biex tinbena l-Knisja Parrokjali ; kif ukoll monument li jfakkar it-tradizzjoni tal-logħob tan-nar fil-Fontana.

Is-Sindku elenka wkoll numru ta' xogħlijiet li huma ppjanati li jsiru mill-Kunsill u ser tgawdi minnhom il-Parroċċa huma : xogħol ta' tqegħid ta' porfido wara s-sagristija u f'parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali li ser jiswa aktar minn €100,000 ; ir-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li l-Kunsill ilu aktar minn sena jistenna l-*method statement* mill-Perit tar-restawr tal-Knisja Parrokkjali ; kif ukoll żewġ fanali ġodda għal fuq iz-zuntier tal-Knisja li ġew approvati mill-Kunsill madwar xaħar ilu.

F'din il-laqgħa mal-Kappillan ġie diskuss ukoll Jum il-Fontana 2019. Fejn wara diskussjoni dwar dan, ġie deċiż li għal din is-sena, Jum il-Fontana jsir nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019. Ser isir dakinhar minħabba li hemm il-pussess tal-Kappillan il-ġdid nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2019 filwaqt li l-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019 ser ikun hemm velja ta' talb lejliet il-pussess.

Fl-aħħar, is-Sindku ppreżenta ktieb lill-Kappillan li ppubblika l-Kunsill din is-sena bl-isem 'Il-Fontana u Ġrajjietha' f'għeluq il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.

Il-Kappillan, Fr Simon Mario Cachia irringrazzja lill-membri tal-Kunsill għax-xogħol li jwettqu favur il-komunita' u tal-għajnuna u s-sapport li jagħtu kontinwament.

## 04.6 Xogħol ta' servizzi u kisi bit-tarmac f'parti minn Triq tal-Għajn ;

04.6.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li saret il-laqgħa li talbet il-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana, rigward din it-triq li hija triq arterjali, fejn kien hemm preżenti hu bħala Sindku, il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv.

04.6.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv spjegaw is-sitwazzjoni lill-Ministru rigward is-suġġeriment mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Kunsill Lokali Il-Fontana

sabiex jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ tar-residenzi ta' dik it-triq u ppreżentaw l-istima tal-Perit tal-Kunsill ta' dawk l-ispejjeż li tammonta għal madwar €58,000. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax joħroġ dawn l-ispejjeż ukoll filwaqt li fakkar li l-Kunsill diġa' kien ikkommetta li ser joħroġ il-VAT fuq il-proġett kollu bl-ammont ta' €25,000 għar-raġuni li l-Ministeru għal Għawdex kien irrifjuta li joħrog dan l-ammont. Il-Ministru ma qablitx li toħroġ dawn il-fondi biex isiru dawn is-servizzi. Wara diskussjoni dwar dan waqt il-laqgħa ta' dakinhar, il-Kunsill ingħata parir mill-Ministru, li la darba hemm persentaġġ daqshekk kbir ta' *variations*, il-Kunsill għandu jwaqqa' s-sejħa tal-offerta, filwaqt li jerġa joħroġ is-sejħa mill-ġdid b'dawn is-servizzi inklużi fiha. Waqt din il-laqgħa s-Sindku ressaq suġġeriment ukoll sabiex il-Ministeru għal Għawdex jiffinanzja l-kisi bit-*tarmac* tal-parti l-oħra ta' Triq il-Għajn, jiġifieri minn quddiem il-Knisja sa Triq il-Kappillan Hili. Il-Ministru laqgħet is-suġġeriment u talbet lill-Kunsill sabiex jibda jhejji l-istimi neċessarji separatament għal din il-parti tat-triq.

04.6.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv reġa' iċċekja l-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa u qal li jista' jkun li dawk is-servizzi mitluba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma huma xogħol addizzjonali u mhux *variations*. Għalhek ittieħed il-parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u l-Kunsill ingħata risposta li dan huwa każ fejn il-Kunsill irid jieħu parir legali dwar jekk il-Kunsill għandux iwaqqa' din is-sejħa jew le, minħabba li skont ir-regolamenti tal-akkwist ma kienux qed jaraw każ biex jaqa' dan il-kuntratt.

04.6.4 Is-Sindku ppropona li jittieħed il-parir legali mill-Avukat Dr Jean Paul Grech skont kif issuġġerit. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 04.7 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi skala 15;

04.7.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li wara li ħarġet is-sejħa għall-ħatra ta' skrivan fi skala 15 fuq bażi part-time internament mal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Issa ser toħroġ is-sejħa fi ħdan il-persuni rreġistrati ma' JobsPlus skont il-proċeduri uffiċjali u f'każ li ma jkunx hemm interess mill-persuni li qed jirreġistraw ma' JobsPlus, toħroġ is-sejħa għall-pubbliku inġenerali.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.7.2 Is-Sindku ppropona sabiex jinħatar il-bord tal-għażla fil-każ li jkun hemm l-applikazzjonijiet sabiex ma jintilifx aktar żmien u jinħatar l-iskrivan malajr kemm jista' jkun. Dan il-bord jkun magħmul mis-Sur Paul Buttigieg bħala Chairperson, mis-Sindku s-Sur Saviour Borg u mill-Kunsillier is-Sur Horace Micallef filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ikun is-segretarju tal-bord. Kien hemm qbil dwar dan.

## 04.8 Laqgħa Pubblika (Artiklu 3A) ;

04.8.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li skont l-artiklu 3A tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fil-bidu tal-leġislatura l-ġdida fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma.

04.8.2 Is-Sindku ppropona nhar il-Ġimgħa 11 t'Ottubru 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija bħala d-data għal din il-laqgħa pubblika. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 04.9 Is-sitwazzjoni tal-*photocopier/printer* tal-Kunsill;

04.9.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri preżenti li l-kumpanija Grenke Renting Ltd ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex tibdel din il-photocopier/printer wara li sar komunikat magħha. Huwa qal li skont l-aħħar laqgħa din il-kwistjoni għandha tinġab għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Konsumatur wara żmien ta' sebat'ijiem.

04.9.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri preżenti biex din il-kwistjoni titressaq quddiem id-Dipartiment tal-Konsumatur.

## 04.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

04.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' vacation leave biex jiġu trasferiti għas-sena 2020. Huwa nforma lill-Kunsill li mill-vacation leave ta' din is-sena preżentament għandu bilanċ ta' 160.75 sigħat, filwaqt li l-bilanċ ta' time-off in lieu (minħabba li qed jidħol xogħol kull nhar ta' Sibt) huwa ta' 57.75 sigħat sal-aħħar ta' Settembru 2019. Minħabba li fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill huwa l-uniku impjegat, qed ikun impossibli li jutilizza dan il-vacation



Kunsill Lokali Il-Fontana

leave u għalhekk ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 104 sigħat minnhom jiġġeddu u jiġu trasferiti għas-sena 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jittama li fil-jiem li ġejjin jiġi ngaġġat skrivan mal-Kunsill, wara li ħarġet is-sejħa għal dan il-post vakanti, biex b'hekk ikun jista' jieħu d-differenza tal-vacation leave kif ukoll it-time-off in lieu sal-aħħar ta' din is-sena. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

04.10.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-fondi tal-LESA. Il-proposti għal dan il-fond għandhom ikunu sottomessi lill-Assoċjazzjoni sa nhar il-Ħamis 31 t'Ottubru 2019. Bħalma diġa' kien imsemmi aktar qabel f'din il-laqgħa, kien hemm qbil mill-Kunsill li dan il-fond jintuża biex titħallas parti mill-ispiża biex tinxtara *playhouse* flok dik li hemm preżentament fil-*playingfield*.

04.10.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Kultura u l-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jerġa' jirreġistra l-interess tiegħu li jipparteċipa fl-iskema ta' Fondi Ewropej WiFi4EU. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

04.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Lokali Il-Munxar li titratta ilment imressaq lilhom minn resident tal-Munxar, mis-Sur P. Curmi dwar il-Wied tax-Xlendi. Wara diskussjoni dwar dan, il-Kunsill saħaq fuq il-fatt li meta nbniet it-triq tax-Xlendi mill-ġdid, il-Gvern Ċentrali kien ħa ħa ħsieb li jagħmel *water culverts* kull naħħa tat-triq sabiex l-ilma li jinzel mill-Fontana u minn Għajn Tuta jintefa direttament fil-Wied tax-Xlendi. Hekk ukoll sar fil-bidu ta' Triq Wied Siekel sabiex l-ilma ta' dawk l-inħawi jintefa' hemm ukoll.

04.10.5 Il-Kunsill irċieva risposta għall-korrispondenza mibgħuta lid-Direttur tal-Uffiċċju Elettorali, is-Sur John Galea, fejn qal li t-talba għad-danni mitluba hija eżaġerata u qal li kieku l-Kunsill avżah minn qabel li setgħet issir dik il-ħsara, kienu jġibu *boards* apposta biex jeħlu magħhom. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li għadhom isostnu l-punt għall-kumpens.

04.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-kors tal-Universita' tat-tielet eta' f'Għawdex 2019-2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn WasteServ Malta Ltd li ser jibda servizz ġdid ta' *Kerbside Truck* fil-lokalita' tal-Fontana kull tieni Ħamis tax-xahar mill-14 ta' Novembru 2019 bejn id-9.30 ta' filgħodu u s-1.30 ta' wara nofsinhar. Il-Kunsill innota dan.

04.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Tranpsort Malta b'risposta għat-talba biex issir kaxxa safra fi Triq il-Kappillan Hili għall-ipparkjar tal-muturi. Is-Sur Rueben Said informa lill-Kunsill li la darba m'hemmx parkeġġ skedat f'dik it-triq, trid titressaq proposta bi pjanti uffiċċjali minn Perit fejn turi l-kaxxi tal-parkeġġ f'dik it-triq kif ukoll tiġi mmarkata l-kaxxa s-safra għall-ipparkjar tal-muturi.

04.10.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar appell bin-numru 00331/19 biex isir żvilupp fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'risposta għat-talba biex tingħata lista ta' mpjegati fi skala 11 mal-Kunsilli Lokali minħabba l-fatt li fil-Kunsill Lokali tal-Fontana m'hemmx impjegat f'dik l-iskala biex ikun jista' jservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Dipartiment wieġeb li minħabba protezzjoni tad-data tal-impjegati, din il-lista ma tistax tingħata u jekk il-Kunsill Lokali ma jsibx impjegat fi skala 11 li jservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jinnomina Segretarju Eżekuttiv minn Kunsill ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali t'Għawdex li għandhom impjegat wieħed fi skala 11 ser iservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill tagħhom stess. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri preżenti li jiġi nnominat is-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Il-Fontana.

04.10.11 Direttiva DLG/2019 – *Contracts Managers*. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li s-servizz ta' *Contracts Manager* għandu jibda jopera mill-aktar fis possibli wara li jkunu saru l-proċessi kollha skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku iżda mhux aktar tard mit-Tlieta 31 ta' Diċembru 2019. Wara diskussjoni dwar dan, il-membri jixtiequ spjega b'aktar dettalji dwar ix-xogħol li ser ikollu l-*Contracts Manager* u jekk iridx ikun hemm aktar minn *Contracts Manager* wieħed skont il-qasam li jkun speċjalizzat fih.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.10.12 Ċirkulari DLG 18/2019 – Permessi maħruġa mill-KL skont L.S. 441.04. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.13 Ċirkulari DLG 19/2019 – Sistemi ta' *Live Streaming*. Kien hemm mill-Kunsilliera sabiex isir kuntatt mal-kuntrattur u tinġab stima biex din is-sistema tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet minimi mitluba mid-Dipartiment.

04.10.14 Ċirkulari AKL 2019/093 – Social Media. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.15 Ċirkulari AKL 2019/094 – European Mobility Week. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.16 Ċirkulari AKL 2019/095 – Inizjattivi Wasteserv. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.17 Ċirkulari AKL 2019/096 – Ġbir ta' logos : Reġjuni u Kunsilli Lokali (Vector image). Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-*logo* tal-Kunsill lill-Assoċjazzjoni.

04.10.18 Ċirkulari AKL 2019/097 – Aħbar tal-mewt ta' Grezzju Lia, missier il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia, Kunsill Lokali Marsa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.19 Ċirkulari AKL 2019/098 – LESA End of Day Reports. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.20 Ċirkulari AKL 2019/099 – Invitation for Local Councillors for DELTA TECH WEEK. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.21 Ċirkulari AKL 2019/100 – Aħbar tal-mewt ta' John Farrugia, missier il-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia, Kunsill Lokali Zurrieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.22 Ċirkulari AKL 2019/101 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.23 Ċirkulari AKL 2019/102 – Online Permitting System & Right of Way Mandate. Il-Kunsill innota l-kontenut u ffirma l-mandat sabiex jirreġistra l-interess tiegħu biex ikollu aktar informazzjoni għal din is-sistema li eventwalment ser tintuża mill-Kunsilli Lokali.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.10.24 Ċirkulari AKL 2019/103 – Żoni Problematiċi : Caravans. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.25 Ċirkulari AKL 2019/104 – Priority Information Visit to the EU Institutions 28-30 October 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.26 Ċirkulari AKL 2019/105 – Aħbar tal-mewt ta' Sa. Mary Mumford, om mis-Sa. Josianne Cilia Mumford is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.27 Ċirkulari AKL 2019/106 – Seminar dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.28 Ċirkulari AKL 2019/107 – Aħbar tal-mewt tas-Sinjura Nikolina Bajada, omm il-Kunsillier is-Sur Joseph Bajada fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.29 Ċirkulari AKL 2019/108 – Komunikazzjoni bejn AKL u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.30 Ċirkulari AKL 2019/109 – LOCAL4GREEN Project National Seminar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.31 Ċirkulari AKL 2019/110 – LESA Verifiċi Finanzjarji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.32 Ċirkulari AKL 2019/111 – Stqarrija AKL – Taħriġ fil-governanza u d-demokrazija għall-Membri Eletti fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.33 Ċirkulari AKL 2019/112 – Skema WiFi4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut u reġa' applika għal din l-iskema kif diġa' issemma aktar qabel f'din il-laqgħa

04.10.34 Ċirkulari AKL *online* – Reġistrazzjoni għal-Laqgħa Plenarja 25 u 26 t'Ottubru 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ser jattendi għal din il-laqgħa.

Kunsill Lokali Il-Fontana

04.10.35 Ċirkulari AKL *online* – Regulations of Use of Electric Scooters in our Localities. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.36 Ċirkulari AKL *online* – National Conference on Wellbeing Malta & Sustainable Development Goals. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.10.37 Avviż Numru 1091 fil-Gazzetta tal-Gvern 20,259 tat-3.9.2019 – Popolazzjoni stimata għal kull lokalita' – l-1 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 04.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

04.11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 04.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

04.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 03/2019 għall-perjodu bejn it-30 t'Awwissu 2019 u t-30 ta' Settembru 2019 li tammonta għal €15,942.54 ġiet approvata u ffirmata.

## 04.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 31 t'Ottubru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 31 t'Ottubru 2019.

Kunsill Lokali Il-Fontana

*Iffirmata*
Saviour Borg
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv